MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 119/2011

**A B**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi huwa kien mizzewweg lil C B u ssepara personalment minnha skont kuntratt ta' separazzjoni tas-26 t'Awwissu 2010 fl-atti tan-Nutar Dr. Sandra Grech.
2. Illi huwa u C B kien ilhom separati *de facto* sa minn diversi xhur qabel ma twieled il-minuri D u kien ilhom ix-xhur ma jkollhom relazzjoni sesswali bejniethom.
3. Illi fid-29 t'Ottubru 2010 twieled tifel jismu D B u dan it-tifel gie registrat bhala iben l-esponenti permezz ta' certifikat tat-twelid numru 3533/2010 (Dok. A)

4. Illi l-imsemmi tifel mhuwiex iben ir-rikorrenti u l-intimat C B u peress illi l-konjugi B kien ilhom ma jkollhom rapport sesswali bejniethom kien impossibbli li l-esponenti jkun missier din it-tarbija.
5. Illi l-indikazzjonijiet huma li t-tifel jista' jkun iben R L li ghandu karta tal-identita` bin-numru 29778(M).

Talab li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti mhuwiex il-missier naturali tal-imsemmi tifel D B li twieled fid-29 t'Ottubru 2010 (DOK. A) u;
2. Tordna li jithassru d-dettalji tar-rikorrenti mill-imsemmi Att ta' Registrazzjoni, u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrent;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi preliminarjament trattasi minn kawza ta' *denegata paternita`* r-rikorrenti jehtieglu jipprova u jissodisfa talanqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl-**Artikolu 70(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;
2. Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ghalhekk f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din il-Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha nvoluti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 70(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, billi tistieden lill-partijiet involuti f'dawn il-proceduri sabiex joqoghdu ghall-ezamijiet u l-analizi mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz;
3. Illi madankollu minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jehtieglu illi jipprova l-impossibilita` fizika tal-kongungiment bejnu u bejn martu C B u dan tul il-perijodu li jispecifika l-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti jrid ukoll jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta billi adegwatament u konvincentement juri li l-pussess ta’ stat tal-minuri D B ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu bin-numru ta’ iskrizzjoni 3533 tas-sena 2010;
5. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir tal-esponent u ghalhekk huwa m’ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata C B li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi hija tikkonferma dak li qal l-attur fis-sens li l-minuri D B mhuwiex l-iben naturali ta’ A B izda huwa bin R L.
2. Illi hija kellha relazzjoni ma’ R L u l-minuri D B huwa ibnu naturali minn din ir-relazzjoni.
3. Illi din l-Qorti ghandha tilqa` t-talbiet attrici u tordna dawk il-korrezzjonijiet li hemm bzonn fic-certifikat tat-twelid ta’ D B.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li tippermetti l-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta C B;
Semghet lix-xhieda illi tressqu;
Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;
Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;
Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attur A B li permezz taghha jikkontendi li ghalkemm il-minuri D B

twieled nhar id-29 ta' Ottubru 2010[1] u cioe' xahrejn biss wara li hu u l-intimata C B sseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku redatt fl-Atti tan-Nutar Dr. Sandra Grech u datat is-26 ta' Awwissu 2010 u ghalhekk, gie mnizzel fic-certifikat tat-twelid tieghu li huwa l-wild naturali tal-istess rikorrent, fil-fatt, l-istess minuri huwa l-wild naturali tal-intimat R L u ghalhekk ir-rikorrent qieghed jitlob lill-Qorti sabiex tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri sabiex dan jibqax juri li r-rikorrent A B huwa l-missier naturali tal-istess wild.

Illi permezz tar-risposta guramentata taghha l-intimata C B tikkonferma dak li jikkontendi r-rikorrent u tiddikjara li huwa minnu li l-minuri D B m'huwiex il-wild naturali tal-istess rikorrent. Hija tghid ukoll li kellha relazzjoni mal-intimat R L u li l-istess minuri huwa l-wild naturali ta' dan l-imsemmi R.

L-intimat R L, minkejja li gie debitament notifikat nhar it-13 ta' Marzu 2012, baqa' ma ntavolax ir-risposta guramentata tieghu u konsegwentement huwa meqjus bhala kontumaci f'dawn il-proceduri.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Ir-rikorrent jghid li zzewweg lill-intimata C B fit-13 ta' Mejju 2006 u jghid li martu ma kinitx migbuda hafna lejh, tant li jiddiskrevi z-zwieg tieghu bhala zwieg li ma tantx kien komplut. Jghid li qabel is-separazzjoni legali taghhom li saret permezz ta' kuntratt pubbliku datat is-26 ta' Awwissu 2010, kien ilu xhur ma jkollu x'jaqsam mal-mara tieghu, tant li jghid li sahansitra martu kienet telqet mid-dar matrimonjali xi sitt xhur qabel ma gie ppubblikat l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni.

Min-naha taghha l-intimata tghid li fiz-zwieg taghhom, rarament kienu jkunu intimi ghaliex ma kienux ifittxu lil xulxin sesswalment u fil-fatt taghti din bhala r-raguni tas-separazzjoni ta' bejniethom. Hi ssostni li l-minuri huwa l-wild naturali tal-intimat R L li mieghu kellha u ghad

[1] Ara a fol 4 tal-process

ghandha relazzjoni l-istess intimata. Tant hu hekk li permezz tal-affidavit taghha tiddikjara li kif il-Qorti tiddikjara li l-minuri mhux il-wild naturali tar-rikorrent, hi u l-intimat R L ser jiehdu dawk il-passi necessarji sabiex ic-certifikat tal-istess minuri jibda juri lill-imsemmi R L bhala l-missier naturali.

Illi fil-mori tal-kawza gie prezentat rapport tad-*DNA* li permezz tieghu gie stabbili li m’hemm ebda possibilita’ (0%) li r-rikorrent A B huwa l-missier tal-minuri D B. Il-Qorti tinnota wkoll li r-rapport tad-DNA gie mahluf u konfermat minn Marisa Cassar nhar l-4 ta’ Gunju 2012 (ara a fol 38 tal-process).

**<u>Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku, u cioe’ li r-rikorrent jehtieg li jipprova u jissodisfa talanqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti tirrileva li r-rikorrent irnexxilu jipprova sal-grad rikjest mil-ligi li martu kkommettiet adulterju u li fuq kollox il-wild li twieled u li huwa legalment prezunt li huwa ibnu, fattwalment m’huwiex u dan kif jirrizulta mir-rapport tad-*DNA* imsemmi aktar ‘il fuq.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni u cioe’ li il-Qorti ghandha tistieden lill-partijiet sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici relattivi, il-Qorti thoss li m’ghandhiex telabora *stante* li fil-mori tal-kawza, gie prezentat u mahluf rapport tad-*DNA* hekk kif imsemmi aktar ‘il fuq u li permezz tieghu gie stabbilit li r-rikorrent mhux il-missier naturali tal-minuri D L.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni u cioe’ li r-rikorrent irid jipprova l-impossibilita’ fizika tal-kongungiment bejn u bejn martu C B, il-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit tar-rikorrent u tal-intimata li t-tnejn isostnu li ma tezisti ebda possibilita’ li l-minuri huwa l-wild tar-rikorrent u zzid tghid li m’hemm ebda raguni valida ghala tali verzjonijiet m’ghandhomx jigu meqjusa bhala veritieri, anke fil-konfront tal-fatt li r-

rapport tad-*DNA* fil-fatt juri li r-rikorrent huwa eskluz mill-possibilita' li jkun il-missier naturali tal-istess minuri;

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni u cioe' li r-rikorrenti iridu jghelbu l-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinciment juru li l-pussess ta' stat tal-minuri ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu, il-Qorti tirrileva li tali presunzjoni giet meghluba principalment mid-DNA test li ma jhalli ebda forma ta' dubju dwar il-paternita' tal-minuri kif ukoll mix-xhieda tal-istess rikorrent u l-intimata;

Illi in vista tax-xhieda prodotta, u in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri, il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex issir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:
(1) Tiddikjara li r-rikorrenti A B mhux il-missier naturali tal-minuri D L li twieled nhar id-29 ta' Ottubru 2010;
(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri D B d-dettalji kollha tar-rikorrent A B u minflok jinserixxi l-kliem 'missier mhux maghruf'.
Bl-ispejjez kontra l-intimata C B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------